MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 12/2009

Joseph u Georgina konjugi Schembri, u Christine Schembri

vs

Giuseppe u Patrizia konjugi Piazzi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-20 ta' April 2009, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti Georgina Schembri s-somma ta' sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u disghin centezmu (€642.90) dovuti lir-rikorrenti bhala hlas ta' xoghol ta' tindif u *gardening* illi hija ghamlet fil-farmhouse numru 37, Triq Il-Munxar, Munxar, Ghawdex, proprjeta' tal-konvenuti fuq inkarigu tal-istess konvenuti ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 14 ta' Settembru 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenuti Giuseppe u Patrizia konjugi Piazzi permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fid-9 ta' Gunju 2009, eccepew :-

'1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati sew fid-dritt kif ukoll fil-fatt ;

3. Illi l-konvenuti qatt ma kellhom rapport jew xi konnessjoni ma' l-atturi Joseph Schembri u Christine Schembri, izda l-unika rapport li kellhom kien ma' Georgina Schembri li kienet taghtihom servizz ta' tindif ;

4. Illi hadd mill-atturi ma qatt ghamel xoghol ta' *gardening* u addirittura wkoll ta' *maintenance* (kif indikat biss fit-test Ingliz ta' dan l-Avviz) kif indikat fl-istess Avviz ;

5. Illi ghas-servizz li rrendiet Georgina Schembri m'hu dovut l-ebda hlas in kwantu fl-ahhar snin, pjuttost milli naddfet il-post, hija hallietu fi stat ta' abbandun totali. Minn naha l-ohra hija thallset pjenament ghal kwalunkwe xoghol iehor li ghamlet ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija azzjoni ghall-hlas ghal xoghol ta' tindif li sar mill-atturi fil-farmhouse tal-konvenuti fi Triq Il-Munxar, Munxar, Ghawdex, fuq inkarigu tal-konvenuti ghall-perjodu bejn Settembru 2006 u Mejju 2007. Ghalkemm m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-attrici Georgina Schembri kienet giet inkarigata sabiex taghmel dan ix-xoghol ta' tindif, m'hemmx qbil pero' bejniethom dwar jekk kenitx biss l-attrici Georgina Schembri li kienet giet afdata b'dan l-inkarigu jew jekk kienux l-atturi kollha. Lanqas m'hemm qbil bejniethom jekk l-inkarigu kienx biss limitat ghal xoghol ta' tindif tal-farmhouse minn gewwa jew jekk ix-xoghol ta' tindif kienx jinkludi xoghol ukoll ta' tindif tal-gnien, u cioe' xoghol ta' *gardening*. Lanqas m'hemm qbil bejn il-partijiet dwar kif l-attrici kellha tithallas tax-xoghol taghha, jekk hux bis-siegha jew bil-hlas ta' *retainer*, u cioe' ta' somma fissa fis-sena ; u anke' jekk l-attrici kellha tithallas bis-siegha, m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar in-numru ta' sieghat fil-gimgha jew fix-xahar jew fis-sena li l-attrici kellha taghmel f'xoghol f'din il-farmhouse tal-konvenuti ;

Ghal din l-azzjoni l-konvenuti qeghdin jilqghu bil-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili, li jipprovdi testwalment illi 'l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu', huwa preskrivibbli bl-eghluq ta' sena. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma jqisx li din il-preskrizzjoni partikolari tapplika ghall-kaz taht ezami, billi din tirreferi biss ghal dawk is-sefturi jew persuni ohra <u>mhallsin bix-xahar</u> (sottolinear tat-Tribunal), u mhux kif qeghdin jikkontendu naha jew ohra li l-hlas miftiehem kien b'rata fissa fis-siegha jew bi hlas fiss fis-sena [Prim'Awla, **Martin Abela vs Ramon Spiteri noe**, 22 ta' Frar 2002). Ghalhekk din l-eccezjoni qed tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom ;

Illi jkun inutili kull indagini ohra minn dan it-Tribunal biex jara jekk l-odjerna azzjoni tal-atturi waqghetx jew le b'xi preskrizzjoni ohra kontemplata fil-Kodici Civili, billi dan it-Tribunal ma jistghax jiehu l-inizjattiva li jfittex biex jara jekk

hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita (**Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone**, Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **Paul Xuereb vs Amabile Fiott**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza **George Cini vs Rita Camilleri**, deciza fis-26 ta' Lulju 1979, espremiet ruhha f'dan is-sens :- 'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni'. Bl-istess mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : **Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003. : 'Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.' ;

Illi fil-meritu, dan it-Tribunal huwa konvint li bejn l-attrici Georgina Schembri u l-konvenuta Patrizia Piazzi kien jezisti ftehim li tal-ewwel tohdilha hsieb id-dar hawn Ghawdex meta l-konvenuti jkunu msifrin, liema ftehim pero' minn ezami bir-reqqa tal-provi, kien jirrigwarda xoghol li kellha taghmel il-konvenuta Gorgina Schembri u mhux l-atturi kollha. Dan it-Tribunal isibha kemm xejn difficli pero' li jemmen il-verzjoni tal-attrici Georgina Schembri li l-ftehim mal-konvenuta Patrizia Piazzi kien li hi tithallas bir-rata ta' lira u nofs (Lm1.50), illum ekwivalenti ghal tliet Euro u hamsin centezmi (€3.50), minghajr ebda limitu ta' sieghat kemm taghmel f'gimgha jew fix-xahar, wisq u wisq aktar mhijiex kredibbli din il-verzjoni taghha jekk, skond l-istess attrici, il-ftehim kien jirrigwarda wkoll lil zewgha u liz-zewg uliedha ;

Dan it-Tribunal jara wkoll diversi nkonsistenzi ohra fix-xhieda tal-attrici Georgina Schembri li jkomplu jirrendu l-verzjoni taghha tal-fatti wahda inqas kredibbli, fosthom li

kienet hi li ghamlet il-hsieb li ma tibqghax tipprestalhom aktar is-servizzi taghha, meta mill-korrispondenza elettronika tal-konvenuta tat-13 ta’ Gunju 2007, a fol.31 tal-process jirrizulta car li kienet il-konvenuta li avzat lill-attrici li kienet qed titterminalha s-servizzi taghha ghar-ragunijiet hemm imsemmija, liema *email* jidher li hasdet sew lill-attrici. Din l-*email* inkitbet wara li l-konvenut Giuseppe Piazzi kien gie ghal gharrieda u kien sab hmieg kbir god-dar u d-dar kienet infestata bil-grieden, tant li l-grieden kienu ghamlu herba shiha fil-kcina u fil-kamra fejn il-konvenuti jerfghu l-bjankerija taghhom ;

Dan it-Tribunal jemmen ghalhekk il-verzjoni tal-konvenuta li l-ftehim mal-attrici Georgina Schembri kien li thallasha somma fissa fis-sena; almenu hekk jiddetta s-sens komun ;

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u mhuwiex konvint li l-attrici rrendiet la dak in-numru ta’ sieghat f’tindif u servizzi ohra fid-dar tal-konvenuti, li taghhom qed tippretendi l-hlas bir-rata ta’ tliet Euro u hamsin centezmi (€3.50) s-siegha, u lanqas li gew prestati dawk is-servizzi li dwarhom xehedu l-atturi u binthom l-ohra Simone Schembri., u jemmen li fil-verzjoni tal-fatti minn naha tal-atturi hemm element ta’ esagerazzjoni fis-servizzi li gew prestati. Almenu l-provi hekk jindikaw ;

Minn naha l-ohra pero’ jemmen li l-attrici prestat certu servizzi li taghhom din trid tithallas. Inghad li ‘ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke’ fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn il-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f’kaz ta’ nuqqas ta’ mezzi probatorji [Prim’Awla, **Charles Attard vs Carmela Frendo et**, 31/01/2003 ; Prim’Awla, **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004]. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta’ dak espress mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, illi *vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e`*

*rimesso al magistrato il valutare ‘ex aequo et bono’ secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l’ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*’. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal qed jiffissa *arbitrio boni viri* lill-attrici s-somma ta’ tliet mija u hamsa u ghoxrin Euro (€325) ghas-servizzi li gew minnha prestati ghall-perjodu bejn Settembru 2006 sa Mejju 2007 ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ tliet mija u hamsa u ghoxrin Euro (€325), u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici din is-somma, bl-imghaxijiet jiddekorru fuq din is-somma mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament ;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet ghajr ghal dawk dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-ispejjez taghha ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------